KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI KOKOTT

ippreżentati fil-15 ta' Lulju 2010[1]

I — Introduzzjoni

1. Min jesporta prodotti agrikoli mill-Unjoni Ewropea u jirċievi rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni minħabba f'ħekk — li kif inhu magħruf huma maħsuba biex jikkumpensaw għad-differenza fil-prezz bejn is-suq intern u s-suq dinji — għandu, fil-każ ta' irregolarità, mhux biss jirrifondi l-ammonti mhux dovuta li jkun irċieva, imma jista' jkun ukoll suġġett għal sanzjonijiet pekunjarji. Fil-każ inkwistjoni, ġie meqjus li ma kienx responsabbli l-esportatur, imma unikament il-kumpannija speċjalizzata fil-livell internazzjonali fil-qasam tal-kontroll u tas-sorveljanza li kellha tiċċertifika l-importazzjoni fil-pajjiż terz inkwistjoni u li, f'dan ir-rigward, ipprovdiet ċifri mhux eżatti. F'dan il-kuntest jeħtieġ li jiġu kkjarifikati żewġ kwistjonijiet: minn banda waħda, jekk fiż-żmien inkwistjoni — fl-1997 —, id-dritt Komunitarju kienx joffri bażi legali suffiċjenti għal din is-sanzjoni; u mill-banda l-oħra, jekk il-preskrizzjoni ġietx interrotta minn atti partikolari tal-awtoritajiet amministrattivi nazzjonali.

2. L-ewwel waħda miż-żewġ kwistjonijiet tirriżulta li hija ta' interess partikolari peress li għandha x'taqsam mal-problema tal-effett dirett tar-regolamenti tal-UE kif ukoll mal-prinċipju ta' ċertezza legali. F'dan ir-rigward jeħtieġ li tiġi eżaminata, b'mod partikolari fil-kuntest tal-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea, l-interazzjoni bejn il-leġiżlazzjoni qafas ġenerali u l-leġiżlazzjoni settorjali.

II — Il-kuntest leġiżlattiv

A — *Id-dritt Komunitarju*

1. Ir-Regolament Nru 2988/95

3. Bir-Regolament Nru 2988/95[2], il-Kunsill stabbilixxa kuntest leġiżlattiv komuni

1 — Lingwa oriġinali: il-Ġermaniż.

2 — Regolament tat-18 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 1, p. 340).

għas-setturi kollha tal-politika Komunitarja, bl-iskop li jiġu kkumbattuti l-atti — b'mod partikolari l-frodi — li jippreġudikaw l-interessi finanzjarji tal-Komunità.

4. Skont l-Artikolu 5(1) tar-regolament "[l]-irregolaritajiet intenzjonati jew dawk kawżati minn negliġenza jistgħu jwasslu għal dawn il-penali amministrattivi: (a) il-ħlas ta' multa amministrattiva; (b) [...]".

5. F'dan il-każ l-irregolarità hija mfissra fit-termini li ġejjin fl-Artikolu 1(2) tar-regolament: "kull ksur ta' dispożizzjoni tal-liġi tal-Komunità li jirriżulta minn att jew nuqqas ta' operatur ekonomiku, li għandu, jew li jista' jkollu, l-effett li jippreġudika l-baġit ġenerali tal-Komunità jew il-baġit immexxi minnhom, jew billi jnaqqas jew jitlef id-dħul li jakkumula minn riżorsi tagħhom stess miġbura direttament għan-nom tal-Komunità, jew permezz ta' nefqa mhux ġustifikata".

6. Skont l-Artikolu 7 tar-regolament "[i] l-miżuri amministrattivi tal-Komunità u l-penali jistgħu jiġu applikati għall-operaturi ekonomiċi li għalihom issir riferenza fl-Artikolu 1, jiġifieri l-persuni naturali jew legali jew l-entitajiet l-oħra li l-liġi nazzjonali tagħtihom kapaċità legali u li jkunu kkommettew l-irregolarità. Jistgħu japplikaw ukoll għal persuni li jkunu ħadu sehem fl-irregolarità jew li huma fid-dover li jieħdu r-responsabbiltà għall-irregolarità jew li jiżguraw li din ma ssirx".

7. L-Artikolu2(2)tar-regolamentjistabbilixxi, fl-ewwel sentenza tiegħu li "[e]bda penali amministrattiva ma tista' tiġi imposta ħlief jekk att tal-Komunità qabel l-irregolarità jkun ipprovda għaliha" u, l-Artikolu 2(3) jipprovdi illi "[i]l-liġi tal-Komunità għandha tistabbilixxi n-natura u l-iskop tal-miżuri amministrattivi u l-penali meħtieġa għall-applikazzjoni korretta tar-regoli inkwistjoni, wara li jiġu kkunsidrati n-natura u s-serjetà tal-irregolarità, il-vantaġġ mogħti jew miksub u l-grad tar-responsabbiltà".

8. F'dan ir-rigward il-Kunsill irrileva, fil-ħames premessa tar-regolament, li "l-imġiba mhux regolari, u l-miżuri u penalitajiet relatati, hemm provdut dwarhom f'regoli settorjali skont dan ir-Regolament".

9. L-Artikolu 3 tar-regolament jirregola l-preskrizzjoni. Skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 3(1), "[i]t-terminu tal-limitazjoni għandu jiġi interrott [il-preskrizzjoni għandha tiġi interrotta] b'kull att tal-awtorità kompetenti, notifikat lill-persuna inkwistjoni, li jkollha x'taqsam mal-investigazzjoni jew proċeduri legali dwar l-irregolarità.

It-terminu għandu jibda jiddekorri mill-ġdid wara kull att li jinterrompih."

2. Ir-Regolament Nru 3665/87

10. Bl-iskop li jiġu kkumbattuti b'mod iktar effettiv l-irregolaritajiet u l-frodi fl-ambitu tar-rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni għall-prodotti agrikoli, il-Kummissjoni, sa mill-1994, permezz ta' emenda għar-Regolament Nru 3665/87 [3], introdućiet is-sanzjonijiet li ġejjin:

"*L-Artikolu 11*

1. Meta jinstab li l-esportatur, bil-ħsieb li jakkwista rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni, ikun applika għal rifużjoni li teċċedi lil dik applikabbli, ir-rifużjoni dovuta għall-esportazzjoni rilevanti għandha tkun dik applikabbli għall-prodott effettivament esportat, imnaqqsa b':

(a) nofs id-differenza bejn ir-rifużjoni li għaliha tkun saret applikazzjoni u dik applikabbli għall-esportazzjoni li effettivament saret;

(b) id-doppju tad-differenza bejn ir-rifużjoni li għaliha tkun saret applikazzjoni u dik applikabbli, meta l-esportatur intenzjonalment jipprovdi informazzjoni falza.

[…]

Meta t-tnaqqis imsemmi fil-punti (a) jew (b) jirriżulta f'ammont negattiv, dan l-ammont negattiv għandu jitħallas mill-esportatur.

Jekk l-awtoritajiet kompetenti stabbilixxew li l-ammont ta' rifużjoni mitluba ma kienx eżatt u li l-esportazzjoni ma seħħitx, u li, bħala konsegwenza, tnaqqis fir-rifużjoni huwa impossibbli, l-esportatur għandu jħallas l-ammont ekwivalenti għas-sanzjoni msemmija fil punti (a) jew (b).

[…]

(3) Bla ħsara għall-obbligu li jitħallas l-ammont negattiv skont ir-raba' subparagrafu tal-paragrafu 1, f'każ ta' ħlas indebitu ta' rifużjoni, il-benefiċjarju għandu jħallas lura l-ammonti riċevuti indebitament - li jinkludu kull sanzjoni applikabbli skond l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 - bl-imgħax

3 — Regolament tas-27 ta' Novembru 1987, rigward modalitajiet komuni għall-applikazzjoni tas-sistema tar-rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni għall-prodotti agrikoli (ĠU L 351, p. 1), kif emendat bir-Regolament (KE) tal-Kummissjoni Nru 2945/94, tat-2 ta' Diċembru 1994, li jemenda r-Regolament Nru 3665/87 rigward l-irkupru ta' ammonti mhux dovuti u s-sanzjonijiet (ĠU L 310, p. 57).

ikkalkolat fuq iż-żmien li jkun għadda bejn il-pagament u l-ħlas lura. Imma,

— f'każ li l-obbligu tar-rifużjoni jkun iggarantit permezz ta' depożitu li ma jkunx għadu ġie rilaxxjat […];

— f'każ li d-depożitu jkun ġie rilaxxjat, il-benefiċjarju għandu jħallas l-ammont tad-depożitu li kien jiġi kkonfiskat flimkien mal-imgħax ikkalkolat mid-data tar-rilaxx sal-jum preċedenti d-data tal-pagament."

B — *Il-leġiżlazzjoni nazzjonali*

11. Skont l-Artikolu 2(2) tad-Digriet Irjali tal-4 ta' Jannar 1985 [4], kumpannija speċjalizzata fil-livell internazzjonali fil-qasam tal-kontroll u tas-sorveljanza rikonoxxuta fil-Belġju hija responsabbli *in solidum* mal-persuni l-oħra involuti fl-esportazzjoni għall-konsegwenzi finanzjarji taċ-ċertifikati rilaxxjati.

4 — Moniteur belge tal-21 ta' Frar 1985, p. 1937. Dan id-digriet jiġi msemmi kemm fit-talba għal deċiżjoni preliminari fil-kuntest tar-riproduzzjoni tad-diversi argumenti tal-partijiet u kemm fl-osservazzjonijiet bil-miktub ippreżentati mill-Gvern tal-Belġju quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Fl-osservazzjonijiet tagħha bil-miktub ippreżentati lill-Qorti tal-Ġustizzja, il-Kummissjoni tiċċita minflok id-Digriet Irjali tat-28 ta' Frar 1999, Moniteur belge tat-22 ta' Ġunju 1999, li, skont il-Kummissjoni, daħal fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 1995 u li jinkludi dispożizzjoni analoga.

III — Il-kuntest fattwali u d-domandi preliminari

12. F'Ġunju tal-1997, l-impriża Belġjana FIRME DERWA NV (minn issa 'l quddiem "DERWA") biegħet 741 144 kg laħam taċ-ċanga lil klijent fl-Eġittu. Fl-istess xahar il-merkanzija ġiet trasportata bil-baħar sal-Eġittu fejn sar il-ħatt tagħha.

13. Għal din l-esportazzjoni, DERWA talbet lill-Uffiċċju Belġjan għall-intervent u r-rifużjoni (minn issa 'l quddiem il-"BIRB") [5] rifużjoni differenzjata u, wara li għamlet depożitu ta' 120 %, irċeviet ħlas antiċipat ekwivalenti għas-somma ta' EUR 1 407 268.91. Sabiex ikollha dritt definittiv għal dik is-somma, DERWA kellha tippreżenta il-prova tal-introduzzjoni għall-konsum fl-Eġittu fi żmien 12-il xahar mid-data tal-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni tal-esportazzjoni.

14. Fl-10 ta' Frar 1998, DERWA ppreżentat lill-BIRB ċertifikat rilaxxjat fl-4 ta' Novembru 1997 mill-SGS BELGIUM NV, kumpannija speċjalizzata fil-livell internazzjonali fil-qasam tal-kontroll u tas-sorveljanza u rikonoxxuta fil-Belġju (minn issa 'l quddiem l-"SGS Belgium"), ċertifikat fejn ġie kkonfermat illi l-merkanzija kienet ġiet rilaxxjata mid-dwana Eġizzjana għat-tqegħid fis-suq. B'ħekk il-BIRB irrilaxxat id-depożitu li kien sar minn DERWA u għalhekk

5 — Belgisch Interventie- en Restitutiebureau.

ir-rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni ġew mogħtija b'mod definittiv.

15. Minn investigazzjoni li saret dwar l-SGS Belgium mill-Ispettorat Ekonomiku tal-Ministeru tal-Affarijiet Ekonomiċi tal-Belġju rriżulta, madankollu, li fl-24 ta' Settembru 1997 l-SGS Eygpt Ltd kienet bagħtet faks lil SGS Belgium fejn informatha li, avolja d-dwana Eġizzjana kienet irrilaxxjat il-merkanzija, din ma setgħetx tiġi importata fl-Eġittu peress li l-awtoritajiet Eġiżzjani kienu pprojbixxew l-importazzjoni tal-laħam taċ-ċanga Belġjan. Evidentement qabel dan il-faks kienet saret talba mill-kumpannija tal-assigurazzjoni Central Beheer Achmea NV, li kienet assigurat il-merkanzija u li kienet talbet lil SGS Belgium biex tibgħat, wara li tkun saret il-verifika, ċertifikat tar-rilaxx mid-dwana.

16. Il-BIRB, li ġiet informata ripetutament mill-Ispettorat Ekonomiku fir-rigward tal-investigazzjoni dwar l-SGS Belgium, ikkomunikat lil din tal-aħħar ir-riżultat tal-investigazzjoni b'ittra reġistrata tal-21 ta' April 1999, u talbitha tittrasmettilha d-dokumenti tad-dwana li abbażi tagħhom irrilaxxjat iċ-ċertifikat tagħha tal-4 ta' Novembru 1997.

17. Permezz ta' ittra reġistrata tal-5 ta' Frar 2002, il-BIRB iddikjarat li l-SGS Belgium ma kinitx ikkonformat mat-talba tal-21 ta' April 1999, u li mid-dokumenti disponibbli kien il-każ li wieħed jikkonkludi li l-merkanzija mibgħuta l-Eġittu ma kinitx ġiet rilaxxjata għall-konsum. Peress li l-BIRB sostniet li l-SGS Belgium kienet intenzjonalment tat ċifri żbaljati, hija imponiet fuqha sanzjoni pekunjarja ta' 200 %, fis-sens tal-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 3665/87, u interpellatha biex tħallas ammont ekwivalenti għal EUR 4 503 260.74 [6].

18. Permezz ta' ittra reġistrata tad-29 ta' April 2002, l-SGS Belgium irrispondiet li minn verifika iktar iddettaljata rriżulta li l-merkanzija kienet ġiet importata fl-Eġittu b'mod provviżorju biss. B'ittra tas-27 ta' Mejju 2002, l-SGS Belgium ammettiet li kienet tat ċifri mhux eżatti, imma li ma kinitx għamlet dan b'mod intenzjonali.

19. B'att ta' ċitazzjoni nnotifikat fis-16 ta' Settembru 2003, il-BIRB talbet lil Rechtbank van eerste aanleg te Antwerpen (il-Qorti tal-Prim'Istanza ta' Anversa), biex tikkundanna lil SGS Belgium tħallasha EUR 4 503 260.74. L-SGS Belgium talbet il-kjamata in kawża tad-DERWA u tas-Centraal Beheer Achmea bl-iskop li f'każ ta' kundanna tiġi meħlusa mill-ħlas.

20. B'sentenza tat-13 ta' Jannar 2006, ir-Rechtbank ċaħdet it-talba tal-BIRB għax kienet infondata u ddikjarat li kienu mingħajr skop it-talbiet għall-kjamati in kawża u l-ħelsien mir-responsabbiltà li saru mill-SGS Belgium.

6 — Dan l-ammont huwa kompost kif ġej: EUR 1 407 268.90 bħala ammont bażiku, li jikkorrispondi għall-ammont tar-rifużjoni għall-esportazzjoni, miżjud b'20 %, jiġifieri EUR 281 453.72, u l-penali ekwivalenti għal 200 % tal-ammont bażiku, jiġifieri EUR 2 814 538.12).

21. Huwa veru li r-rikors tal-BIRB ma kienx tardiv, peress li t-terminu ta' preskrizzjoni ta' erba' snin stipulat fl-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 2988/95, terminu li kellu jibda jiddekorri mill-10 ta' Frar 1998 [7], kien ġie interrott bl-ittra reġistrata tal-5 ta' Frar 2002 tal-BIRB, li permezz tagħha ġiet applikata l-penali.

22. Madankollu, ma hemmx bażi legali suffiċjenti biex tiġi applikata sanzjoni fir-rigward ta' suġġett bħal SGS Belgium, li hi involuta fl-irregolarità li ġiet kommessa mill-esportatur. B'mod partikolari, l-Artikoli 5 u 7 tar-Regolament 2988/95 ma għandhomx effetti diretti, peress li jħallu marġni ta' diskrezzjoni għall-Istati Membri. Barra dan, il-BIRB ma wrietx li DERWA kienet irċeviet indebitament ir-rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni u li ċ-ċertifikat tal-SGS Belgium kien jinkludi informazzjoni mhux eżatta.

23. Il-BIRB appellat minn din is-sentenza quddiem il-qorti tar-rinviju, il-Hof van Beroep te Antwerpen (Qorti tal-Appell ta' Anversa), li, fit-8 ta' Settembru 2009, ippreżentat lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) Id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 5 u 7 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95, tat-18 ta' Diċembru 1995, dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea, għandhom effett dirett fis-sistemi legali nazzjonali tal-Istati Membri, fin-nuqqas ta' marġni ta' diskrezzjoni ta' dawn l-Istati Membri kif ukoll ta' ħtieġa min-naħa tal-awtoritajiet nazzjonali li jadottaw miżuri ta' implementazzjoni?

2) Kumpannija li mill-aspett internazzjonali hija speċjalizzata fil-qasam tal-kontroll u tas-sorveljanza u li hija rikonoxxuta mill-Istat Membru li fih isiru l-formalitajiet doganali għall-esportazzjoni, f'dan il-każ il-Belġju, li ppreżentat dikjarazzjoni ineżatta fir-rigward tal-ħatt, fis-sens tal-Artikolu 18(2)(ċ) tar-Regolament 3665/87/KEE, tista' tiġi kkunsidrata bħala operatur ekonomiku, fis-sens tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2988/95/KE u għaldaqstant bħala persuna li pparteċipat fit-twettiq tal-ksur jew bħala persuna li tista' titqies responsabbli għall-ksur jew saħansitra bħala persuna li kellha tevita li dan il-ksur iseħħ, fis-sens tal-Artikolu 7 ta' dan ir-regolament?

3) Il-komunikazzjoni ta' rapport dwar stħarriġ immexxi mill-Bord ta' Spezzjoni Ekonomika, ittra li titlob li jiġu ppreżentati dokumenti addizzjonali sabiex tiġi ġġustifikata l-importazzjoni għall-konsum jew ittra rreġistrata li timponi sanzjoni, jistgħu jiġu kkunsidrati bħala atti istruttorji jew bħala proċedimenti legali fis-sens

7 — F'din id-data DERWA kienet ippreżentat lill-BIRB id-dikjarazzjoni rilaxxjata mill-SGS Belgium fir-rigward tal-importazzjoni fl-Eġittu.

tat-tielet paragrafu tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95, tat-18 ta' Diċembru 1995?"

24. Fil-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja ipparteċipaw l-SGS Belgium, DERWA, il-Gvernijiet tal-Belġju u tal-Awstrija kif ukoll il-Kummissjoni Ewropea; il-Gvern Awstrijak biss ippreżenta osservazzjonijiet bil-miktub.

IV — Evalwazzjoni legali

A — *Fuq l-ewwel domanda preliminari*

25. Skont il-Gvern Belġjan u l-Kummissjoni, l-Artikoli 5 u 7 tar-Regolament Nru 2988/95 għandhom effetti diretti. Dan joħroġ minnatura legali u mill-funzjoni tar-regolamenti. Huwa veru li jistgħu jippreżentaw irwieħhom sitwazzjonijiet eċċezzjonali, li fihom ikunu meħtieġa miżuri nazzjonali ta' implementazzjoni, iżda ma jidhirx li teżisti ċirkustanza bħal din fil-każ inkwistjoni. Lanqas teżisti liġi settorjali iktar speċifika ta' applikazzjoni prijoritarja.

26. Effettivament, skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 288 tat-TFUE, ir-regolamenti għandhom "applikazzjoni ġenerali". Regolament "ikun jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha" [8].

27. Huwa loġiku li wieħed jaħseb li din ir-regola ġenerali tad-dritt primarju tgħodd ukoll għar-Regolament Nru 2988/95. F'kull każ, dan huwa stipulat, fl-Artikolu 11(2) tiegħu, fis-sens li dan ir-regolament jorbot fl-intier tiegħu u huwa direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

28. Fil-kawża Handlbauer [9], il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ntalbet tiddeċiedi fir-rigward tal-applikabbilità diretta tar-Regolament Nru 2988/95. Din kienet talba għal deċiżjoni preliminari imressqa minn qorti Awstrijaka, li kienet għażlet il-formula "unmittelbar anwendbar" minflok il-formula "unmittelbar gilt", applikata fil-verżjoni Ġermaniża tad-dritt primarju u tar-Regolament Nru 2988/95. Fil-verżjoni Franċiża tas-sentenza — huwa magħruf illi l-imħallfin jiddeliberaw bil-Franċiż — ġew użati għal dan l-iskop il-kliem "applikabbli direttament", li jikkorrispondu letteralment mad-dritt primarju u mar-Regolament Nru 2988/95 tal-verżjoni Franċiża. Minn din iċ-ċirkustanza wieħed jista' jiddeduċi li għall-kunċetti doppji "unmittelbare Geltung" u "unmittelbare Anwendbarkeit" ma tistax tiġi attribwita

8 — Dispożizzjoni bħal din kienet diġà inkluża fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 198 preċedenti, tat-Trattat KE, li hi rilevanti għall-każ preżenti.

9 — Sentenza tal-24 ta' Ġunju 2004 (C-278/02, Ġabra p. I-6171).

tifsira differenti, fi kwalunkwe każ fil-kuntest tas-sentenza Handlbauer.

29. Dik il-kawża kienet tirrigwarda, bħal din il-kawża, proċeduri kontra irregolarità fis-settur tar-rifużjoni fuq l-esportazzjoni għall-prodotti agrikoli. Il-Qorti tal-Ġustizzja affermat l-applikabbiltà diretta tal-Artikolu 3(1) tar-regolament, li jistipula, għall-proċeduri kontra l-irregolarità, terminu ta' preskrizzjoni ta' erba' snin [10].

30. Fil-motivazzjoni tas-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat qabelxejn li, kemm minħabba n-natura tagħhom u minħabba l-funzjoni tagħhom fl-iskema tas-sorsi tad-dritt Komunitarju, id-dispożizzjonijiet tar-regolamenti għandhom, ġeneralment, "effett immedjat" [11] fis-sistemi ġuridiċi nazzjonali mingħajr ma jkun meħtieġ li l-awtoritajiet nazzjonali jadottaw miżuri ta' applikazzjoni [12]. Huwa veru li wħud mid-dispożizzjonijiet tagħhom jistgħu jeħtieġu, sabiex jiġu implementati, l-adozzjoni ta' miżuri ta' applikazzjoni mill-Istati Membri [13]; madankollu dan ma jseħħx fil-każ tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru 2988/95.

31. La minn din is-sentenza u lanqas mill-ġurisprudenza preċedenti ma wieħed jista' jiddeduċi li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddistingwi b'mod ċar bejn il-kunċetti ta' validità, applikabbiltà u effett dirett. Minkejja li l-partijiet fil-kawża, analizzaw — in parti fil-fond — differenzi eventwali li jeżistu bejn dawn il-kunċetti, jien tal-fehma li jkun ftit li xejn xieraq li wieħed jidħol fid-dibattitu fundamentali rigward il-kunċett tal-effett dirett tad-dritt tal-Unjoni, u b'mod partikolari tar-regolamenti fis-sens ta' effett dirett jew "direct effect" [14].

32. Ladarba, fil-kawża inkwistjoni, tqajmet il-kwistjoni tal-effett dirett tal-Artikoli 5 u 7 tar-Regolament 2988/95, jeħtieġ għalhekk jiġi kkjarifikat bl-iktar mod ċar u sempliċi jekk miżura restrittiva tal-awtorità maħruġa fir-rigward ta' impriża tistax tkun ibbażata direttament fuq dispożizzjoni ta' dan ir-regolament. Definittivament, anki l-kawża Handlbauer kienet tittratta din il-kwistjoni. Huwa veru li, f'din il-kawża, is-sanzjoni bħala tali ma kinitx ibbażata direttament fuq ir-Regolament Nru 2988/95. Madankollu, it-terminu ta' preskrizzjoni ta' erba' snin stipulat f'dan ir-regolament mhux biss kien itwal minn dak li kien ikun applikabbli fil-każ li l-Artikolu 3(1) tar-regolament ma kellux effetti diretti — u dan kien jirriżulta

10 — Ara s-sentenza Handlbauer (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 9, punt 39); ara wkoll is-sentenza tad-29 Jannar 2009, Josef Vosding Schlacht-, Kühl- und Zerlegebetrieb (C-278/07 sa C-280/07, Ġabra p. I-457, punti 27 u 28.

11 — Fil-verżjoni Ġermaniża tas-sentenza "unmittelbare Wirkung"

12 — Ara s-sentenza Handlbauer (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 9, punt 39 li tagħmel riferiment għas-sentenza tas-17 ta' Mejju 1972, Leonesio, 93/71, Ġabra p. 287, punt 5).

13 — Ara s-sentenza Handlbauer (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 9, punt 26, li tagħmel riferiment għas-sentenza tal-11 ta' Jannar 2001, Monte Arcosu (C-403/98, Ġabra p. I-103, punt 26).

14 — Ara, fost oħrajn, Edward D., "Direct Effect: Myth, Mess or Mystery?", f'*Direct effect, Rethinking a Classic of EC Legal Doctrine,* (edituri) J.M. Prinssen u A. Schrauwen, Europa Law Publishing, Groningen 2002, p. 3.

manifestament deċiżiv biex tiġi riżolta l-kwistjoni tal-leġittimità tas-sanzjoni — imma barra minn hekk seta' wkoll jiġi interrott.

33. Il-kriterji li abbażi tagħhom jeħtieġ li wieħed jipproċedi għall-verifika tal-idonjetà bħala bażi legali għas-sanzjoni jistgħu jiġu identifikati minnufih.

34. Għalhekk, ir-Regolament Nru 2988/95 innifsu, fl-Artikolu 2(2) tiegħu, jistipula li l-ebda penali amministrattiva ma tista' tiġi imposta jekk ma tkunx ġiet stipulata permezz ta' att Komunitarju preċedenti għall-irregolarità. L-Artikolu 2(3) tiegħu jistabbilixxi barra dan li d--dispożizzjonijiet tad-dritt Komunitarju jiddeterminaw in-natura u l-portata tal-miżuri u tal-penali amministrattivi neċessarji għall-applikazzjoni korretta tal-leġiżlazzjoni kkunsidrata, skont in-natura u l-gravità tal-irregolarità, tal-benefiċċju mogħti u tal-vantaġġ irċevut u tal-grad ta' responsabbiltà.

35. Fil-kuntest speċifiku tar-rifużjoni fuq l-esportazzjoni għall-prodotti agrikoli, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet diversi drabi li sanzjoni ta' natura mhux penali ma tistax tiġi imposta ħlief jekk tibbaża ruħha fuq bażi ġuridika ċara u mhux ambigwa [15].

36. Din il-premessa tirrappreżenta, bħall-prinċipju ta' legalità tar-reati u tal-pieni [16], espressjoni partikolari tal-prinċipju ġenerali ta' ċertezza legali, li jikkostitwixxi prinċipju fundamentali tad-dritt Komunitarju, u jeżiġi, b'mod partikolari, li liġi tkun ċara u preċiża, sabiex l-individwi jkunu jistgħu jagħrfu d-drittijiet u l-obbligi tagħhom mingħajr ambigwità u jimxu skont dan it-tagħrif [17].

37. Anki jekk il-Qorti tal-Ġustizzja — fil-fehma tiegħi b'mod korrett — xi kultant ma taqbilx li tapplika l-prinċipji tad-dritt penali għall-każijiet li jirrigwardjaw sanzjonijiet amministrattivi [18] xejn ma jżommha milli tirrikorri, anki bħala gwida, għas-sustanza tal-prinċipju ta' legalità tar-reati u tal-pieni.

38. Dan il-prinċipju jimplika li r-regoli Komunitarji jiddefinixxu b'mod ċar ir-reati u l-pieni għalihom. Din il-kundizzjoni tiġi sodisfatta meta l-individwu jkun jista' jkun

15 — Ara s-sentenzi tal-14 ta' Diċembru 2000, Emsland-Stärke (C-110/99, Ġabra p. I-11569, punt 56); tal-11 ta' Lulju 2002, Käserei Champignon Hofmeister (C-210/00, Ġabra p. I-6453, punt 52); u tas-6 ta' April 2006, ED & F Man Sugar (C-274/04, Ġabra p. I-3269, punt 15.

16 — *Nullum crimen, nulla poena sine lege*, ara f'dan ir-rigward is-sentenza tat-3 ta' Ġunju 2008, Intertanko *et* (C 308/06, Ġabra p. I-4057, punt 70).

17 — Ara s-sentenza Intertanko *et* (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 16, punt 69.)

18 — Ara s-sentenza Käserei Champignon Hofmeister (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il paġna 15, punt 44), fejn il-Qorti tal-Ġustizzja tirrileva li s-sanzjoni taħt il punt (a) tal ewwel subparagrafu tal-Artikolu 11(1)(a) tar-Regolament Nru 3665/87 ma hijiex ta' natura penali u li, għalhekk, il-prinċipju nulla poena sine culpa ma huwiex applikabbli. Għall-kuntrarju, fis-sentenzi tat-8 ta' Marzu 2007, Campina (C-45/06, Ġabra p. I-2089, punt 40); tal-11 ta' Marzu 2008, Jager (C-420/06, Ġabra p. I-1315, punt 59 et seq), il-Qorti tal-Ġustizzja sostniet li huwa applikabbli l-prinċipju tal-applikazzjoni retroattiva tas-sanzjoni inqas ħarxa fl-istanza fejn jiġu imposti sanzjonijiet amministrattivi; f'dan ir-rigward l-istess Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li dan il-prinċipju jiġi espress, b'mod partikolari fit-tieni sentenza tal Artikolu 2(2) tar-Regolament Nru 2988/95. Għandu jiġi nnotat illi skont l-għaxar premessa tiegħu, ir-Regolament Nru 2988/95 jieħu inkunsiderazzjoni wkoll il-prinċipju tad-dritt penali tan-ne bis in idem.

jaf, mill-kliem tad-dispożizzjoni rilevanti u, jekk ikun hemm bżonn, bl-għajnuna tal-interpretazzjoni tagħha li tingħata mill-qrati, liema atti u ommissjonijiet jagħtu lok għar-responsabbiltà kriminali tiegħu [19].

39. Meta jiġu applikati l-kriterji tal-kjarezza u tal-inekwivokabbiltà għall-Artikoli 5 u 7 tar-Regolament Nru 2988/95, jeħtieġ qabelxejn jiġi kkonstatat illi fil-każ tal-irregolarità definita fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament Nru 2988/95 li jsir riferiment għaliha fl-Artikoli 5 u 7 tar-Regolament Nr 2988/95, jeħtieġ li din tiġi kkonkretizzata b'mod manifest. Fil-qofol ta' din id-definizzjoni hemm is-sempliċi vjolazzjoni ta' dispożizzjoni Komunitarja u d-danni eventwali kkawżati minnha a skapitu tal-baġit Komunitarju, mingħajr ma tipproċedi, anki jekk b'mod sommarju biss, biex tikkonkretizza permezz ta' kategoriji ta' tipi differenti ta' mġiba illi hemm il-ħsieb li jsir riferiment għalihom.

40. Flimkien mal-SGS Belgium, DERWA u l-Gvern Awstrijak, barra dan jeħtieġ jiġi kkonstatat illi l-Artikoli 5 u 7 tar-Regolament Nru 2988/95 jikkostitwixxu dispożizzjonijiet ifformulati f'termini purament fakultattivi. Fis-sens tal-Artikolu 5 tar-regolament l-irregolaritajiet "jistgħu" jwasslu għal sanzjonijiet amministrattivi partikolari, *inter alia*, il-ħlas ta' sanzjoni pekunjarja u, fis-sens tal-Artikolu 7 tar-regolament, dawn is-sanzjonijiet "jistgħu" jiġu applikati għall-persuni partikolari. Ħarsa għall-verżjonijiet lingwistiċi l-oħra ma twassalx għal riżultat differenti [20].

41. Għandu jiġi kkonstatat ukoll il-fatt li l-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 2988/95, ma jagħmilx distinzjoni, fir-rigward tas-sanzjonijiet elenkati, bejn irregolaritajiet intenzjonali u irregolaritajiet ikkawżati b'negliġenza. Lanqas l-Artikolu 7 tar-regolament ma jagħmel distinzjoni, fir-rigward ta' dawk li fuqhom tista' tiġi imposta sanzjoni, skont il-grad tar-responsabbiltà għall-irregolarità.

42. Din l-analiżi tat-test minnha nnifisha ġġiegħlek tiddubita mill-fatt jekk l-Artikoli 5 u 7 tar-Regolament Nru 2988/95 għandhomx effett dirett fis-sens li dawn jistgħu jservu ta' bażi legali awtonoma għall-applikazzjoni ta' sanzjoni. Madankollu r-regolament joffri indikazzjonijiet favur il-fatt li lid-dispożizzjonijiet inkwistjoni, dejjem jekk jiġi kkunsidrat il-kontenut konkret tagħhom [21], ma jista jiġi attribwit lilhom ebda effett dirett f'dan is-sens.

43. Skont l-Artikolu 1(1), ir-regolament jinvoka għalih innifsu unikament il-funzjoni ta' "dispożizzjoni ġenerali". L-Artikolu 2(1) jistabbilixxi mbagħad li, *inter alia*, jiġu istitwiti

19 — Ara s-sentenza Intertanko *et* (ċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 16, punt 71, li tagħmel riferiment għas-sentenza tat-3 ta' Mejju 2007, Advocaten voor de Wereld, C-303/05, Ġabra p. I-3633, punt 50, u s-sentenza tat-22 ta' Ġunju 2000 tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, Coëme *et* vs Il-Belġju, Ġabra ta' sentenzi u deċiżjonijiet 2000-VII, § 145).

20 — Fil-fatt, fil-Franċiż it-terminu użat huwa "peuvent", fl-Ingliż "may", fit-Taljan "possono", fl-Ispanjol "podrán" u fl-Olandiż "kunnen".

21 — Bl-ebda mod għalhekk ma nqiegħed fid-dubju l-konklużjoni li għaliha waslet il-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Handlbauer, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 9, punt 35, jiġifieri li t-terminu ta' preskrizzjoni ta' erba' snin skont l-Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru 2988/95, huwa direttament applikabbli.

sanzjonijiet, "sakemm ikunu neċessarji". Kif diġà ġie kkonstatat, l-Artikolu 5 tar-regolament — bħal ebda artikolu ieħor tiegħu — ma jispeċifikax dwar il-mument u dwar it-tip ta' sanzjoni neċessarja. Anki l-formulazzjoni "jiġu introdotti" [22] tixhed favur il-fatt illi huma meħtieġa dispożizzjonijiet oħra lil hinn mir-Regolament Nru 2988/95 bl-iskop li jiġu maħluqa sanzjonijiet li jkunu direttament applikabbli.

44. Fl-ewwel sentenza tal-Artikolu 2(2) u fl-Artikolu 2(3) tar-Regolament Nru 2988/95 hawn fuq imsemmija dan isir iktar ċar: billi jistabbilixxi li l-ebda sanzjoni amministrattiva ma tista' tiġi imposta ħlief jekk att tal-Komunità qabel l-irregolarità jkun ipprovda għaliha, juri li l-Kunsill fil-mument tal-adozzjoni tar-regolament, telaq mill-premessa li r-regolament innifsu ma huwiex biżżejjed biex tiġi applikata sanzjoni.

45. Iċ-ċirkustanza li dan jipprevedi, minbarra li d-dispożizzjonijiet tad-dritt Komunitarju jiddeterminaw in-natura u l-portata tal-miżuri u tas-sanzjonijiet amministrattivi neċessarji għall-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni kkunsidrata, skont in-natura u l-gravità tal-irregolarità, tal-benefiċċju mogħti u tal-vantaġġ irċevut u tal-grad ta' responsabbiltà, jikkonferma li r-regoli ġenerali adottati bir-regolament ma humiex minnhom infushom suffiċjenti biex iservu ta' bażi legali awtonoma għal sanzjoni.

46. Fl-aħħar nett, fil-ħames premessa tar-Regolament Nru 2988/95, huwa stipulat illi l-imġiba li tagħti lok għal irregolarità u l-miżuri u s-sanzjonijiet amministrattivi relattivi huma stipulati f'regoli settorjali konformi ma' dan ir-regolament.

47. B'konformità totali ma' din il-pożizzjoni hemm ukoll il-ġurisprudenza li ġiet elaborata sa issa, li abbażi tagħha l-leġiżlatur Komunitarju, meta adotta ir-Regolament Nru 2988/95, stabbilixxa serje ta' prinċipji ġenerali u talab li, bħala regola ġenerali, ir-regoli settorjali kollha jirrispettaw dawn il-prinċipji [23].

48. Konsegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja fis-settur tal-fondi strutturali, identifikat il-bażi legali għall-obbligu tal-irkupru fir-regolament ta' implementazzjoni tal-Kunsill relattiv minflok fir-Regolament Nru 2988/95, "li jillimita ruħu, kif tenfasizza wkoll il-Kummissjoni, li jistabbilixxi r-regoli ġenerali ta' […] u ta' sanzjonijiet" [24]. Din għalhekk ħadet espressament il-pożizzjoni

22 — F'dan ir-rigward jeħtieġ li jiġi enfasizzat li ma għandniex hawnhekk premessa li tiddikjara dak li se jiġi regolamentat fir-regolament, imma dispożizzjoni stess tar-regolament.

23 — Ara s-sentenza Jager (iċċitata iktar'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 18, punt 61 u l-ġurisprudenza ċċitata).

24 — Ara s-sentenza tat-13 ta' Marzu 2008, Vereniging Nationaal Overlegorgaan Sociale Werkvoorziening (C-383/06 u C-385/06, Ġabra p. I-1561, punt 39.

tal-Kummissjoni, li sostniet konkretament li "ir-Regolament Nru 2988/95 ma jikkostitwixxix bażi ġuridika awtonoma li tippermetti lill-awtoritajiet nazzjonali jieħdu miżuri f'każ ta' irregolaritajiet. Fil-fatt, dan it-test jinkludi biss dispożizzjonijiet ġenerali […]" [25]. Kieku l-Qorti tal-Ġustizzja riedet b'dan il-mod tillimita ruħha biex tafferma, kif jidher li qiegħda ssostni issa l-Kummissjoni, li jekk teżisti regola settorjali, għandu jsir riferiment għaliha minflok ir-Regolament Nru 2988/95, probabbilment hija stess kienet tagħżel formulazzjoni differenti.

49. Nikkonkludi għalhekk li l-Artikoli 5 u 7 tar-Regolament Nru 2988/95 ma għandhomx minnhom infushom effett dirett fis-sens li dawn jistgħu jservu ta' bażi legali awtonoma għall-applikazzjoni ta' sanzjoni.

50. Kif wieħed jista' jiddeduċi mit-talba għal deċiżjoni preliminari, il-BIRB, biex tiġġustifika s-sanzjoni applikata fil-konfront tal-SGS Belgium, ma bbażatx ruħha biss fuq l-Artikoli 5 u 7 tar-Regolament Nru 2988/95, imma fuq l-effett kombinat ta' dawn id-dispożizzjonijiet flimkien mal-Artikolu 11(1) tar-Regolament Nru 3665/87.

51. Anki l-Kummissjoni tagħti importanza, fil-kuntest preżenti, għall-Artikolu 11(1) tar-Regolament Nru 3665/87. Huwa veru li din issostni li l-Artikoli 5 u 7 tar-Regolament Nru 2988/95 jistgħu jservu ta' bażi legali awtonoma għall-applikazzjoni ta' sanzjonijiet fir-rigward ta' kumpannija speċjalizzata fil-livell internazzjonali fil-qasam tal-kontroll u tas-sorveljanza. Madankollu, din is-sanzjoni, minħabba l-prinċipju ta' legalità u meta jiġi kkunsidrat l-Artikolu 2(2) tad-Digriet Irjali tal-4 ta' Jannar 1985, ma tistax teċċedi l-ammont massimu li jista' jiġi stabbilit bħala sanzjoni fir-rigward tal-esportatur. L-ammont massimu tas-sanzjoni applikabbli għall-importatur jiġi stabbilit abbażi tal-Artikolu 11(1) tar-Regolament Nru 3665/87.

52. Il-verifika jekk l-Artikoli 5 u 7 tar-Regolament Nru 2988/95 flimkien mal-Artikolu 11(1) tar-Regolament Nru 3665/87 joffrux bażi legali suffiċjenti għall-applikazzjoni ta' sanzjoni ta' kumpannija speċjalizzata fil-livell internazzjonali fil-qasam tal-kontroll u tas-sorveljanza bħall-SGS Belgium, madankollu għandha ssir biss fil-kuntest tar-risposta għat-tieni domanda preliminari.

53. L-ewwel domanda preliminari għandha għalhekk tiġi mwieġba fis-sens li l-Artikoli 5 u 7 tar-Regolament Nru 2988/95 ma għandhomx għalhekk minnhom infushom effett dirett fis-sens li jistgħu jservu ta' bażi legali awtonoma għall-applikazzjoni ta' sanzjoni.

25 — Ibid., punt 34.

B — *Fuq it-tieni domanda preliminari*

54. Bit-tieni domanda preliminari, il-Hof van Beroep tistaqsi jekk kumpannija speċjalizzata fil-livell internazzjonali fil-qasam tal-kontroll u tas-sorveljanza bħall-SGS Belgium, li rrilaxxjat ċertifikat dwar il-ħatt mhux korrett fis-sens tal-Artikolu 18(2)(ċ) tar-Regolament Nru 3665/87, tistax tiġi kkunsidrata bħala operatur ekonomiku jew persuna oħra fis-sens tal-Artikoli 1 u 7 tar-Regolament Nru 2988/95, u tiġi għalhekk ikkunsidrata bħala destinatarja ta' sanzjoni fis-sens ta' dan ir-regolament.

55. Fid-dawl tar-risposta proposta għall-ewwel domanda preliminari, fir-realtà ma huwiex meħtieġ li tingħata risposta għat-tieni domanda. Peress li r-Regolament Nru 2988/95 ma joffri l-ebda bażi legali direttament applikabbli għall-impożizzjoni ta' sanzjonijiet, ma huwiex meħtieġ, abbażi ta' analiżi ta' dan il-kuntest, li jiġi vverifikat iktar fil-fond jekk kumpannija speċjalizzata fil-livell internazzjonali fil-qasam tal-kontroll u tas-sorveljanza bħall-SGS Belgium tistax tkun destinatarja ta' sanzjoni fis-sens ta' dan ir-regolament.

56. It-tieni domanda preliminari madankollu tibqa' rilevanti jekk jiġi inkluż l-Artikolu 11(1) tar-Regolament Nru 3665/87 fit-tfittxija ta' bażi legali suffiċjenti għall-applikazzjoni ta' sanzjonijiet fir-rigward ta' kumpanniji speċjalizzati fil-livell internazzjonali fil-qasam tal-kontroll u tas-sorveljanza. Din id-dispożizzjoni fiha sanzjoni Komunitarja konkreta, applikabbli *ratione temporis*, fil-każ ta' rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni għall-prodotti agrikoli li jintalbu meta ma jkunux dovuti, anki jekk il-funzjoni tagħha bħala sanzjoni tirriżulta evidenti biss wara li tiġi eżaminata t-tieni darba [26]

57. Għalhekk wieħed jista' jargumenta li, jekk jittieħdu inkunsiderazzjoni flimkien l-Artikoli 5 u 7 tar-Regolament Nru 2988/95 u l-Artikolu 11(1) tar-Regolament Nru 3665/87, għandu jiġi sostnut li teżisti bażi legali suffiċjenti għall-applikazzjoni tas-sanzjonijiet fir-rigward ta' kumpannija speċjalizzata fil-livell internazzjonali fil-qasam tal-kontroll u tas-sorveljanza. Bl-iskop li jiġi ċċarat dan, jeħtieġ li jiġu interpretati wkoll id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 1 u 7 tar-Regolament Nru 2988/95, rigward id-destinatarji tas-sanzjonijiet.

58. Is-sanzjoni taħt l-Artikolu 11(1) tar-Regolament Nru 3665/87 skont il-kliem tiegħu, hija indirizzata esklussivament għall-esportatur [27], u tippreżumi li dan talab rifużjoni fuq l-esportazzjoni eċċessiva, li tinkludi anki

26 — Ara inter alia, is-sentenza tal-24 ta' April 2008, AOB Reuter (C-143/07, Gabra p. I-3171, punt 22). Fi kwalunkwe każ, il-kunċett ta' sanzjoni jiġi użat espressament fit-tielet u l-ħames paragrafi tal-Artikolu 11(1). Dwar in-nuqqas ta' natura mhux penali tas-sanzjoni msemmija fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal Artikolu 11(1), ara wkoll is-sentenza Käserei Champignon Hofmeister (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 15, punti 35 *et seq*).

27 — Ara s-sentenza Käserei Champignon Hofmeister (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 15, punt 42).

l-każ fejn jirriżulta li ma kien hemm ebda dritt għal rifużjoni [28]. Sabiex tiġi eżaminata din il-kwistjoni, ma huwiex biżżejjed li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-fatti magħrufa mill-awtoritajiet kompetenti fil-mument tal-eżami tal-applikazzjoni għal rifużjoni, iżda għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni wkoll il-fatti sussegwenti għal din l-applikazzjoni [29].

59. Il-Qorti tal-Ġustizzja diġà kkonstatat illi din id-dispożizzjoni tikkostitwixxi bażi legali ċara u suffiċjenti għall-applikazzjoni tas-sanzjoni [30].

60. L-ebda waħda mill-partijiet fil-kawża ma sostniet li l-SGS Belgium, bħala kumpannija speċjalizzata fil-livell internazzjonali fil-qasam tal-kontroll u tas-sorveljanza, tista' tiġi punita b'sanzjoni unikament bis-saħħa ta' din id-dispożizzjoni.

61. Peress li l-irregolarità sanzjonabbli permezz tal-Artikolu 11(1) tar-Regolament Nru 3665/87 tista' tiġi kommessa biss mill-esportatur innifsu, ma huwiex meħtieġ li jiġi verifikat jekk l-SGS Belgium tistax tiġi kkunsidrata bħala operatur ekonomiku fis-sens tal-Artikolu 1(2) u l ewwel sentenza tal-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 2988/95. L-SGS Belgium ma setgħetx hija stess ikkommettiet l-irregolarità inkwistjoni u għalhekk ma tiġix ikkunsidrata bħala destinatarja tas-sanzjoni fl-eventwali kwalità tagħha ta' operatur ekonomiku fis-sens ta' din id-dispożizzjoni.

62. Wara li ntqal dan, jifdal li jiġi vverifikat jekk l-Artikolu 11(1) tar-Regolament Nru 3665/87, flimkien mad-dispożizzjonijiet tat-tieni sentenza tal-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 2988/95, li tipprovdi illi s-sanzjonijiet amministrattivi Komunitarji jistgħu jiġu applikati anki għall-persuni li jkunu ħadu sehem fl-irregolarità jew li huma fid-dover li jieħdu r-responsabbiltà għall-irregolarità jew li jiżguraw li din ma ssirx, jistgħux jittieħdu inkunsiderazzjoni bħala bażi legali għal sanzjoni fil-konfront ta' SGS Belgium.

63. Tkun seħħet irregolarità fis-sens tat-tieni sentenza tal-Artikolu 7 u tal-Artikolu 1(2) tar-Regolament Nru 2988/95 f'każ li DEWRA tkun irċeviet ir-rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni li ma jkunux dovuti fis-sens tal-Artikolu 11(1) tar-Regolament Nru 3665/87.

64. Jeħtieġ li dan jiġi ċċarat b'mod definittiv mill-qorti tar-rinviju. Huwa veru li t-tieni domanda preliminari titlaq mill-premessa, kif jirriżulta mill-formulazzjoni tagħha, li ċ-ċertifikat dwar il-ħatt skont l-Artikolu 18(2)(ċ) tar-Regolament Nru 3665/87, rilaxxjat mill-SGS Belgium u użat minn DERWA ma kienx korrett. Madankollu mit-talba għal deċiżjoni preliminari, wieħed jista' jiddeduċi li dan baqa' kkontestat quddiem il-qorti tar-rinviju. Barra dan, quddiem dik il-qorti ġie argumentat li l-merkanzija ġiet

28 — Is-sentenza AOB Reuter (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 26, punt 22).

29 — Ibid., punt 23.

30 — Ibid,., punt 34.

importata mill-Eġittu lejn l-Afrika t'Isfel, biex b'hekk indipendentement mill-korrettezza taċ-ċertifikat dwar il-ħatt inkwistjoni, kien jeżisti dritt ta' DERWA għar-rifużjoni fuq l-esportazzjoni.

65. Fi kwalunkwe każ esportatur hu obbligat jiggarantixxi l-eżatezza tad-dikjarazzjonijiet tiegħu u s-sanzjoni skont l-Artikolu 11(1)(a) tar-Regolament Nru 3665/87 tiġi applikata indipendentement mill-element ta' negliġenza suġġettiva [31]. In-negliġenza jew żball kommessi minn kontraparti kuntrattwali tal-esportatur ma jammontawx għal ipoteżi ta' forza maġġuri, imma jiffurmaw parti mir-riskji kummerċjali normali u ma jistgħux jiġu kkunsidrati li ma humiex prevedibbli fil-kuntest ta' tranżazzjonijiet kummerċjali. L-esportatur għandu għad-dispożizzjoni tiegħu diversi mezzi biex jipproteġi ruħu, bħall-għażla libera tas-sħab kuntrattwali tiegħu, klawżoli u poloz ta' assigurazzjoni *ad hoc* [32].

66. Ma nara l-ebda raġuni għalfejn dan ma għandux jgħodd ukoll għar-relazzjoni bejn esportatur u kumpannija speċjalizzata fil-livell internazzjonali fil-qasam tal-kontroll u tas-sorveljanza, u b'mod partikolari indipendentement minn jekk iċ-ċertifikat użat mill-esportatur kienx rilaxxjat fuq talba tal-esportatur innifsu inkella — kif jidher li ġara fil-każ inkwistjoni — mill-assiguratur tiegħu. Permezz tar-Regolament (KE) Nru 800/1999 [33], li kien issostitwixxa r-Regolament Nru 3665/87, wara kollox ġie stipulat espressament li l-atti ta' xi terzi li jirrigwardaw direttament jew indirettament il-formalitajiet meħtieġa għall-pagament tar-rifużjonijiet, inklużi l-atti tal-kontroll internazzjonali u tal-aġenziji ta' superviżjoni, għandhom ikunu attribwiti lill-benefiċjarju [34].

67. La darba bħala premessa ulterjuri tiġi invokata ċ-ċirkustanza li DERWA kkommettiet irregolarità li l-oriġini tagħha tmur lura għal ċertifikat mhux korrett rilaxxjat mill-SGS Belgium, din tal-aħħar għandha fi kwalunkwe każ tkun ikkunsidrata bħala persuna li ħadet sehem fl-eżekuzzjoni tal-irregolarità.

68. Jeħtieġ ukoll jiġi vverifikat jekk l-effett tal-Artikolu 11(1) tar-Regolament Nru 3665/87 flimkien mat-tieni sentenza tal-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 2988/95 huwiex daqstant ċar u inekwivokabbli li jista' jservi ta' bażi legali għal sanzjoni fir-rigward ta' kumpannija speċjalizzata fil-livell internazzjonali fil-qasam tal-kontroll u tas-sorveljanza.

31 — Ara s-sentenzi Käserei Champignon Hofmeister (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 15, punt 59 *et seq*) u dik tat-12 ta' Mejju 2005, Milupa (C-542/03, Ġabra p. I-3989, punt 26).

32 — Ara s-sentenzi Käserei Champignon Hofmeister (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 15, punt 80), u AOB Reuter (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 26, punt 36).

33 — Regolament tal-Kummissjoni tal-15 ta' April 1999, li jistabbilixxi regoli komuni dettaljati għall-applikazzjoni tas-sistema ta' rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni ta' prodotti agrikoli.

34 — L-Artikolu 52(4) it-tieni paragrafu.

69. Qabelxejn jeħtieġ li mill-ġdid jiġi enfasizzat illi t-tieni sentenza tal-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 2988/85 hija dispożizzjoni purament ta' natura fakultattiva. Din tagħti b'mod manifest marġni ta' diskrezzjoni.

70. Anki jekk is-sanzjonijiet stipulati fl-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 3665/87 ma humiex ta' natura penali [35], fil-fehma tiegħi jkun inkompatibbli mar-rekwiżiti ta' ċarezza u ta' inekwivokabbiltà jekk l-applikazzjoni tagħhom għall-persuni msemmija fit-tieni sentenza tal-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 2988/95 titħalla fid-diskrezzjoni tal-awtoritajiet amministrattivi nazzjonali. Fis-sentenza AOB Reuter [36], il-Qorti tal-Ġustizzja, qabel ma kkwalifikat l-Artikolu 11(1) tar-Regolament Nru 3665/87 bħala bażi legali ċara u inekwivokabbli għas-sanzjonijiet fir-rigward tal-esportatur, ikkostatat illi l-applikazzjoni tas-sanzjoni, ladarba jkunu ġew sodisfatti r-rekwiżiti, hija att dovut, ħlief jekk tkun sodisfatta waħda mill-kundizzjonijiet ta' eżenzjoni, kif definiti b'mod eżawrjenti.

71. Madankollu, fid-dawl tal-formulazzjoni tad-dispożizzjonijiet hawnhekk ikkontestati, is-suġġett ġuridiku ma jistax jirrikonoxxi liema atti jew ommissjonijiet iġibu in kawża r-responsabbiltà tiegħu li hi suġġetta għal sanzjoni. Anki għal dan il-motiv il-prinċipju ta' legalità ma jiġix rispettat. Il-marġni ta' diskrezzjoni previst fit-tieni sentenza tal-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 2988/95 għandu jiġi kkonkretizzat mil-leġiżlatur Komunitarju jew, fuq inkarigu tiegħu, mill-Istati Membri bl-iskop li tkun teżisti sanzjoni li tkun direttament applikabbli.

72. Barra dan jeħtieġ li jiġi kkonstatat li, effettivament, l-Artikolu 11(1) tar-Regolament Nru 3665/87, meta jistabbilixxi n-natura u l-portata tas-sanzjoni, jieħu inkunsiderazzjoni b'mod partikolari tan-natura u l-gravità tal-irregolarità, tal-benefiċċju mogħti u tal-vantaġġ riċevut u tal-grad ta' responsabbiltà, kif mitlub bl-Artikolu 2(3) tar-Regolament Nru 2988/95. Għal kuntrarju, it-tieni sentenza tal-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 2988/95 bl-ebda mod ma tiggrada s-sanzjoni, għall-persuni minnu indikati, skont in-natura u l-importanza tal-parteċipazzjoni u l-konoxxenza tagħhom tal-portata tad-dannu li l-baġit Komunitarju jsofri jew jista' jsofri. Jekk wieħed jagħmel paragun kawt mad-dritt kriminali, jeħtieġ li jiġi kkonstatat li ma ssirx distinzjoni bejn awtur u kompliċi.

73. Il-każ inkwistjoni juri b'mod partikolari li d-dispożizzjonijiet li ġew eżaminati f'din il-kawża ma humiex idoneji biex tiġi applikata sanzjoni adegwata. Għalhekk, il-BIRB titfa' r-responsabbiltà fuq l-SGS Belgium talli konxjament irrilaxxjat ċertifikat falz, u fl-istess ħin titlaq mill-premessa li DERWA ma kinitx taf bl-ineżattezza. Iż-żewġ dispożizzjonijiet li ġew eżaminati madankollu

35 — Ara, dwar s-sanzjoni stipulata fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 11(1) tar-Regolament Nru 3665/8, is-sentenza Käserei Champignon Hofmeister (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 15, punt 44).

36 — Iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 26, punt 30.

ma joffru l-ebda strument identifikabbli li jippermetti li tittieħed inkunsiderazzjoni n-negliġenza preżunta tal-SGS Belgium fid-determinazzjoni tas-sanzjoni li għandha tiġi applikata fil-konfront tagħha, ladarba tibqa' ssir insistenza fuq iċ-ċirkustanza li l-SGS Belgium fl-agħar ipoteżi ħadet sehem f'irregolarità kommessa minn DERWA u ma tiġix hija stess ikkunsidrata bħala awtriċi ta' din l-irregolarità.

74. Insostni li l-evalwazzjoni li saret minni sa issa ġiet ikkonfermata mill-fatt — imsemmi anki mill-Gvern Awstrijak — li, fl-2002, il-Kummissjoni, permezz ta' emenda [37] għar-Regolament Nru 800/1999 Iċċitat iktar 'il-fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 33., li sadanittant issostitwixxa r-Regolament Nru 3665/87, introduċiet għall-qasam tar-rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni għall-prodotti agrikoli, dispożizzjoni li tistipula kif ġej: "L-Istati Membri li approvaw AS għandhom jipprovdu għal sistema effettiva ta' sanzjonijiet għal każijiet fejn AS approvata tkun ħarġet ċertifikat falz." It-tieni premessa inkluża fir-regolament li jagħmel l-emenda tistipula: "Barra minn dan, huwa meqjus neċessarju li tiġi prevista sistema effettiva ta' sanzjonijiet li għandha tiġi implimentata mill-Istati Membri, f'każijiet li l-AS jippreżentaw provi irregolari tal-wasla."

75. Fl-Artikolu 11(1) tar-Regolament Nru 3665/87 meħud flimkien mat-tieni sentenza tal-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 2988/95, il-Kummissjoni għalhekk ma kkonstatatx li hemm xi bażi legali suffiċjenti għal sanzjonijiet fir-rigward ta' kumpanniji speċjalizzati fil-livell internazzjonali fil-qasam tal-kontroll u tas-sorveljanza. Li kieku kien jeżisti qabel mekkaniżmu ta' sanzjonijiet suffiċjenti fil-livell Komunitarju, din id-dixxiplina ġdida ma kinitx tkun neċessarja; barra dan, wieħed ikollu jassumi li attwalment jeżistu żewġ dixxiplini, mingħajr ma ġiet iċċarata r-relazzjoni li torbothom flimkien.

76. Biex nikkonkludi, nixtieq nenfasizza illi fil-leġiżlazzjoni nazzjonali ma hemmx kjarifika, pereżempju fl-Artikolu 2(2) tad-Digriet Irjali tal-4 ta' Jannar 1985, tal-konkretizzazzjoni tal-fatti li, fil-perijodu ta' żmien rilevanti għall-kawża preżenti, kienet assenti fil-livell tad-dritt Komunitarju.

77. Fil-fatt la r-Regolament Nru 2988/95 u lanqas ir-Regolament Nru 3665/87 ma jinkludu xi riferiment għal-leġiżlazzjoni nazzjonali, riferiment li kien jippermetti li wieħed ifittex f'dik il-leġiżlazzjoni, il-konkretizzazzjoni neċessarja mill-lat sostanzjali, ta' sanzjoni delineata biss f'termini ġenerali mid-dritt Komunitarju.

37 — Bl-introduzzjoni tal-Artikolu 16(c) ġdid permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1253/2002, tal-11 ta' Lulju 2002, li jemenda r-Regolament Nru 800/1999 (ĠU L 183, p. 12).

78. Għal kuntrarju, ir-Regolament Nru 2988/95 jistipula espressament li sanzjoni amministrattiva tista' tiġi imposta biss f'każ li din tkun prevista f'att Komunitarju li jkun preċedenti għall-irregolarità, u li d-dispożizzjoni tad-dritt Komunitarju tistabbilixxi n-natura u l-portata tal-miżuri u sanzjonijiet amministrattivi neċessarji għall-applikazzjoni korretta tar-regoli inkwistjoni, fir-rigward tan-natura u tal-gravità tal-irregolarità, tal-benefiċċju mogħti jew tal-vantaġġ irċevut u tal-livell ta' responsabbiltà. F'dan is-sens il-ħames premessa tar-Regolament 2988/95 tistipula li mġiba mhux regolari, u l-miżuri u penalitajiet relatati magħha, huma msemmija f'regoli settorjali konformi ma' dak ir-regolament.

fis-sens tat-tieni sentenza tal-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 2988/95; madankollu, din id-dispożizzjoni, anki jekk meħuda flimkien mal-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 3665/87, ma toffrix bażi legali suffiċjenti biex tiġi applikata sanzjoni fir-rigward tagħha.

C — *Fuq it-tielet domanda preliminari*

79. Bħala konklużjoni għalhekk insostni li t-tieni domanda preliminari għandha tiġi mwieġba kif ġej:

Kumpannija speċjalizzata fil-livell internazzjonali fil-qasam tal-kontroll u tas-sorveljanza u li tkun rikonoxxuta mill-Istat Membri fejn ikunu saru l-formalitajiet tad-dwana għall-esportazzjoni (f'dan il-każ: il-Belġju), li tkun irrilaxxjat ċertifikat dwar il-ħatt li ma jkunx korrett fis-sens tal-Artikoli 18(2)(ċ) tar-Regolament Nru 3665/87, ma tistax tkun ikkunsidrata bħala operator ekonomiku fis-sens tal-Artikoli 1, 2, u t-tieni sentenza tal-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 2988/95, ladarba huwa l-każ li tiġi applikata sanzjoni fir-rigward tagħha abbażi ta' dawn id-dispożizzjonijiet meħuda flimkien mal-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 3665/87. Huwa veru li din tista' tiġi kkunsidrata bħala persuna li ħadet sehem fit-twettiq tal-irregolarità

80. Fid-dawl tar-risposti suġġeriti minni għall-ewwel domandi preliminari, ma huwiex meħtieġ li tingħata risposta għat-tielet domanda. Ladarba l-applikazzjoni ta' sanzjoni hija eskluża *a priori*, ikun inutli li jiġi vverifikat jekk din eventwalment setgħetx tiġi imposta iktar. Għalhekk se neżamina biss din id-domanda subordinatament, f'każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li ma taqbilx mal-konklużjonijiet li għamilt jien fir-rigward tal-ewwel żewġ domandi.

81. Skont l-ewwel sentenza tat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 3(1), tar-Regolament Nru 2988/95, il-preskrizzjoni ta' azzjonijiet ġudizzjari tiġi interrotta bl-effett ta' kwalunkwe att tal-awtorità kompetenti, li jitwassal għal konoxxenza tal-persuna interessata, li jkun ta' natura istruttorja jew li jkun maħsub bħala parti minn proċeduri legali kontra l-irregolarità.

82. Bħala att ta' natura istruttorja possibbli jew li jkun maħsub bħala parti minn proċeduri legali kontra l-irregolarità, il-qorti ta' rinviju ssemmi:

— verbal ta' inkjesta li saret mill-Ispettorat Ekonomiku, mibgħut lill-BIRB fit-13 ta' Awwissu 1998, kif ukoll ittra mibgħuta minn dan l-Ispettorat lill-BIRB fid-9 ta' Ottubru 1998 flimkien ma' faks tal-14 ta' Ottubru 1998, li permezz tagħha ġew trasmessi l-verbali tal-inkjesti;

— l-ittra reġistrata tal-21 ta' April 1999 mibgħuta mill-BIRB lil SGS Belgium, li permezz tagħha intalbet tippreżenta iktar dokumenti sabiex tipprova t-tqegħid fis-suq;

— l-ittra reġistrata tal-5 ta' Frar 2002 mibgħuta mill-BIRB lil SGS Belgium, li permezz tagħha ġiet applikata sanzjoni "skont l-Artikoli 11 tar-Regolament Nru 3665/87".

83. Il-Qorti tal-Ġustizzja diġà għamlitha ċara li l-atti istruttorji ġenerali tal-awtoritajiet nazzjonali, li ma jagħmlux riferiment għal suspetti ta' irregolarità, ma humiex idoneji biex jinterrompu l-preskrizzjoni stipulata bl-Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru 2988/95. Għalhekk, in-notifika ta' kontroll ġenerali tad-dwana, li ma jindikax b'mod biżżejjed preċiż l-operazzjonijiet li jagħmlu riferiment għas-suspetti ta' irregolarità, ma jammontawx għal att istruttorju maħsub biex jittieħdu proċeduri legali kontra l-irregolarità b'mod li jinterrompi t-terminu tal-preskrizzjoni [38]. Min-naħa l-oħra, il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet hija att istruttorju ittra fejn il-Kummissjoni kkomunikat lill-benefiċjarju ta' għajnuna Komunitarja fis-settur tas-sajd it-tnaqqis tal-għajnuna finanzjarja mogħtija inizjalment, peress li r-riżorsi tas-sajd tal-pajjiż terz indikat fid-deċiżjoni tal-konċessjoni tal-għajnuna ma kinux ġew sfruttati għall-perijodu ta' żmien twil biżżejjed [39].

84. Abbażi tal-formulazzjoni tat-tielet domanda preliminari kif ukoll tal-ispjegazzjonijiet ulterjuri mogħtija fit-talba għal deċiżjoni preliminari, jista' jiġi preżunt illi l-verbali tal-inkjesta inkwistjoni nġabu għall-attenzjoni tal-SGS Belgium matul l-inkjesta relattiva. Fil-fehma tiegħi, il-qorti tar-rinviju għandha tevalwa, b'konformità mal-ġurisprudenza hawn fuq imsemmija, jekk il-verbali tal-inkjesta kkontestati kinux konkreti biżżejjed u l-SGS Belgium setgħetx tirrealizza li kien ingħata bidu għal investigazzjoni fil-konfront tagħha minħabba ċ-ċertifikat tal-4 ta' Novembru 1997.

85. Kuntrarju għal dak li jidher li qiegħda ssostni l-SGS Belgium, ma naħsibx li teżisti problema minħabba l-fatt li d-dokumenti ma humiex verbali ta' inkjesta ta' BIRB.

38 — Ara s-sentenza Handlbauer, (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 9, punti 40 u 43).

39 — Ara s-sentenza tat-2 ta' Diċembru 2004, José Marti Peix vs Il-Kummissjoni (C-226/03 P, Ġabra p. I-11421, punt 30).

Il-fatt li Stat Membru jkun assenja lil awtorità waħda pjuttost milli lil diversi awtoritajiet il-kompetenza biex jiġu adottati atti ta' natura istruttorja jew li jkun maħsub biex jittieħdu proċeduri legali kontra irregolarità ma jistax, minnu nnifsu, ipoġġu fid-dubju l-klassifikazzjoni tal-miżuri rispettivi bħala atti ta' natura istruttorja jew li jkun maħsub biex jittieħdu proċeduri legali kontra irregolarità. Madankollu tista' tkun meħtieġa evalwazzjoni differenti ladarba l-awtorità li tittrasmetti l-verbali ta' awtorità oħra lill-persuna inkwistjoni, toħloq f'dan tal-aħħar l-impressjoni li, mill-perspettiva tiegħu, ma jeżistux indizji suffiċjenti.

86. Fir-rigward tal-ittra reġistrata tal-21 ta' April 1999 mibgħuta minn BIRB lil SGS Belgium, li permezz tagħha ġiet mitluba tippreżenta dokumenti oħrajn biex tipprova t-tqegħid fis-suq, hemm ħafna raġunijiet, fil-fehma tiegħi, favur l-argument illi din hija tal-inqas att istruttorju. Anki f'dan il-każ, il-qorti tar-rinviju għandha madankollu teżamina l-kontenut eżatt biex tistabbilixxi jekk minn din l-ittra jirriżultax li l-BIRB kienet qiegħda tiddubita mill-korrettezza taċ-ċertifikat tal-4 ta' Novembru 1997, u mhux per eżempju sempliċement illimitat ruħha biex tikkompleta d-dokumentazzjoni tagħha. Skont l-espożizzjoni tal-fatti mill-qorti tar-rinviju [40], bl-ittra reġistrata inkwistjoni barra dan ġie kkomunikat lil SGS Belgium l-eżitu tal-investigazzjoni tal-Ispettorat Ekonomiku. F'dan ir-rigward jgħodd dak kollu li ġie espost fiż-żewġ punti preċedenti.

87. Fir-rigward tal-ittra reġistrata tal-5 ta' Frar 2002 mibgħuta mill-BIRB lil SGS Belgium, li permezz tagħha ġiet applikata sanzjoni "konformi mal-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 3665/87", ma għandi ebda dubju dwar il-fatt li din hija att li huwa parti minn proċeduri legali kontra l-irregolarità, li seta' jinterrompi l-preskrizzjoni. Mit-talba għal deċiżjoni preliminari jirriżulta li mill-ittra reġistrata tirriżulta b'mod ċar ir-raġuni għall-applikazzjoni tas-sanzjoni. Jista' forsi jkun sorprendenti li ma kinitx l-SGS Belgium li rrikorriet quddiem il-qrati Belġjani bl-iskop li tiddefendi ruħha fir-rigward ta' din is-sanzjoni. Waqt is-smigħ, il-Gvern Belġjan sostna f'dan ir-rigward li d-deċiżjoni dwar is-sanzjoni amministrattiva minnha nnifisha ma setgħetx tiġi eżegwita. Ladarba d-destinatarju ta' din is-sanzjoni qed jirrifjuta li jħallas, il-Gvern Belġjan għandu, bl-iskop li jesegwixxi s-sanzjoni, jiftaħ kawża biex jistabbilixxi somma xierqa fil-kuntest tal-ammont mitlub. Indipendentement minn din il-forma proċedurali, għandu jiġi kkonstatat li l-qorti tar-rinviju enfasizzat ripetutatment li bl-ittra reġistrata ġiet applikata sanzjoni fir-rigward tal-SGS Belgium, u din tal-aħħar ġiet mitluba tersaq għal ħlas tal-istess. Għalhekk huwa evidenti li għandna quddiemna att li huwa parti minn proċeduri legali kontra l-irregolarità.

40 — Ara hawn fuq, punt 16.

88. Subordinatament, għalhekk qiegħed nipproponi li t-tielet domanda preliminari għandha tingħata risposta fis-sens li l-ittra reġistrata tal-awtorità amministrattiva nazzjonali kompetenti, li permezz tagħha ġiet applikata sanzjoni għal fatt deskritt fl-ittra reġistrata nnifisha, tista' tiġi kkunsidrata bħala att istruttorju li huwa parti minn proċeduri legali kontra l-irregolarità fis-sens tat-tielet paragrafu tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru 2988/95.

V — Konklużjoni

90. Bħala konklużjoni, qiegħed nissuġġerixxi tingħata risposta fit-termini li ġejjin għad-domandi preliminari magħmula mill-Hof van Beroep te Antwerpen:

"1) L-Artikoli 5 u 7 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, EURATOM) Nru 2988/95, tat-18 ta' Diċembru 1995, dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea, ma għandhomx minnhom infushom effett dirett fis-sens li dawn jistgħu jservu ta' bażi legali awtonoma għall-applikazzjoni ta' sanzjoni.

2) Kumpannija speċjalizzata fil-livell internazzjonali fil-qasam tal-kontroll u tas-sorveljanza u rikonoxxuta mill-Istat Membru fejn ikunu saru l-formalitajiet tad-dwana għall-esportazzjoni (f'dan il-każ: il-Belġju), li tkun ħarġet ċertifikat tal-ħatt mhux korrett fis-sens tal-Artikolu 18(2)(ċ) tar-Regolament (KEE) tal-Kummissjoni Nru 3665, tas-27 ta' Novembru 1987, rigward modalitajiet komuni għall-applikazzjoni tas-sistema tar-rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni għall-prodotti agrikoli, kif emendat bir-Regolament (KE) tal-Kummissjoni Nru 2945/94, tat-2 ta' Diċembru 1994, ma tistax tiġi kkunsidrata bħala operatur ekonomiku fis-sens tal-Artikolu 1(2) u tat-tieni sentenza tal-Artikolu 7 tar-Regolament

Nru 2988/95, ladarba qed tiġi applikata sanzjoni fil-konfront tagħha abbażi ta' dawn id-dispożizzjonijiet flimkien mal-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 3665/87. Huwa veru li din tista' tiġi kkunsidrata bħala persuna li pparteċipat fit-twettiq tal-irregolarità, fis-sens tat-tieni sentenza tal-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 2988/95; madankollu, din id-dispożizzjoni, anki flimkien mal-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 3665/87, ma toffri ebda bażi legali suffiċjenti biex tiġi applikata sanzjoni fil-konfront tagħha.

3) Ittra reġistrata tal-awtorità amministrattiva nazzjonali kompetenti, li permezz tagħha tiġi applikata sanzjoni għal fatt deskritt fid-dettall fl-ittra reġistrata nnifisha, tista' tiġi kkunsidrata bħala att istruttorju bħala parti minn proċeduri legali kontra l-irregolarità fis-sens tat-tielet paragrafu tal-Artikolu 3(1), tar-Regolament Nru 2988/95."